MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 143/1990/1

**Innocenzo sive Lucio u martu Marianne Vassallo**

**v.**

**Avukat Dottor Marco Griscti u P.L. George Scicluna b’digriet tas-27 ta’ Frar 1990 nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Elena mart Anthony Falzon, u b’digriet tal-11 ta’ Settembru 1990, Calcedonia mart Carmelo Pace assumiet l-atti minflok il-kuraturi deputati**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk
“Peress illi b’testment tad-29 ta’ Dicembru 1982 li kopja tieghu tinsab annessa bhala Dokument A Carmela sive Maria Carmela Farrugia halliet b’legat il-fond dar numru 66 Busketto Road, Rabat, Malta flimkien ma' l-oggetti mobbli a limine intus ad eccezzjoni ta’ flus titoli u kotba rapprezentanti flus lil dik jew dawk il-persuni li jkunu jiehdu hsieb u jduru biha u certa Carmelina Darmanin illum mejta sal-mewt;
“Illi in effetti l-atturi kienu dawk il-persuni li hadu hsieb jindokraw u jikkuraw lill-imsemmija Farrugia sal-gurnata tal-mewt taghha;

“Peress illi l-atturi ghandhom interess li jidhlu fil-pussess legali tal-legat fuq imsemmi;

“Peress illi l-atturi gia` interpellaw lill-konvenuti nomine biex jammettuhom fil-pussess tal-fond fuq imsemmi u l-effetti kollha li jinsabu fih, izda inutilment;

“Jghidu l-konvenuti nomine ghaliex m’ghandix din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

“1. Tiddikjara illi l-atturi kienu jiehdu hsieb u jikkuraw lil Carmela Farrugia sal-mewt u ghalhekk l-ghaxar artikolu tat-testment Dok A japplika ghalihom.

“2. Tikkundanna l-konvenuti nomine jimmettu lill-atturi fil-pussess tal-legat in kwistjoni u konsegwentement jigu kundannati jipprezentaw lill-atturi l-istess legat ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal ta’ Jannar 1990 u l-konvenut gie ngunt in subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti Elena mart Anthony Falzon li in forza taghha eccepew
“Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirriservaw li jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

“Salvi eccezzjonijiet ohra;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata minn Calcedonia mart Carmel Pace (li b’digriet tal-11 ta’ Settembru, 1990, giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza fl-interess ta’ l-assenti Elena mart Anthony Falzon minflok il-kuraturi deputati) li in forza taghha eccipiet:
“(1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-atturi konjugi Vassallo zgur ma jikkwalifikawx bhala legatarji ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-ghaxar artikolu tat-testment tad-29 ta’ Dicembru 1982, ‘il ghaliex huma qatt ma hadu hsieb u kura tal-mejta Carmela sive Maria Carmela Farrugia, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“(2) Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jidher car u ammess mill-istess premessi kontenuti fic-citazzjoni attrici, l-atturi konjugi Vassallo qatt ma hadu hsieb u kura tal-mejta Carmelina Darmanin u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-ghaxar artikolu fuq imsemmi zgur ma japplikax ghalihom;

“(3) Salv eccezzjonijiet ohra;”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Frar, 2006 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“L-atturi qeghdin permezz ta' din il-kawza jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li huma hadu hsieb lil Maria Carmela Farrugia sal-gurnata tal-mewt taghha u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jimmettuhom fil-pussess tal-fond imholli b’legat mill-istess Farrugia bit-testment taghha.

“Fit-testment taghha tad-29 ta' Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri, Maria Carmela Farrugia nnominat permezz tat-tmien artikolu lil Elena mart Anthony Falzon bhala unika eredi taghha. Permezz ta' l-ghaxar artikolu hija halliet b'titolu ta' legat fi proprjeta`:

**"a favur ta' dik jew dawk il-persuni li jkunu jiehdu hsieb u idur bit-testatrici u Carmelina Darmanin, li tikkoabita mat-testatrici, u sal-mewt rispettiva taghhom, id-dar numru sitta u sittin (66) Buskett Road, Rabat, Malta, flimkien ma’ l-oggetti mobili 'a limine intus' ad eccezzjoni tal-flus, titoli u kotba rapprezentanti flus."**

“Il-konvenuta qed teccepixxi li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala legatarji tal-fond imsemmi ghaliex huma qatt ma hadu hsieb u kura la ta’ Maria Carmela Farrugia u lanqas ta’ Carmela Darmanin.

“Maria Carmela Farrugia mietet fit-8 ta' Novembru 1989 u sabuha mejta l-Pulizija wara li zgassaw biex dahlu fid-dar taghha, billi kienet tghix wahedha. Carmela Darmanin dahlet fl-Isptar St. Vincent de Paule fid-9 ta' Marzu 1982 (mela qabel ma ghamlet it-testment Maria Carmela Farrugia) u baqghet hemm sakemm mietet fil-5 ta' Novembru 1985. Maria Carmela Farrugia mill-1980 'l hawn kienet frekwentement Malta u giet definittivament f'Marzu 1985.

“Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-provi migbura:

“2. L-atturi zgur ma rrendew ebda servigi lil Carmelina Darmanin billi fic-citazzjoni stess ighidu illi li ghamlu, ghamluh biss lil Maria Carmela Farrugia.

“3. Maria Carmela Farrugia mietet fit-8 ta’ Novembru 1989 (Dokument B a fol. 7).

“4. Carmela Darmanin mietet fil-5 ta’ Novembru 1985 (Dokument a fol. 50).

“5. Ma rrizultax li l-atturi konjugi Vassallo rrendew servigi lil Carmela Farrugia <u>fis-sentejn u nofs qabel ma mietet</u>, billi l-istat tal-post kif jirrizulta mir-<u>ritratti</u> esebiti minn Wilfred Camilleri juri li Carmela Farrugia kienet tghix <u>wahedha fil-hmieg</u>, kif hu konfermat minn <u>Margaret Mifsud</u>

(l-attrici fil-kawza l-ohra); Carmela Farrugia stess tghid fl-ittra Dokument CP 1 fil-kawza l-ohra *'I can't walk so I'll have to stay in this filth'*, din l-ittra ggib id-data *'9th October 1989'*. Connie Zahra xehdet fil-kawza l-ohra illi Carmela Farrugia kienet tghix wahedha, u ghal xi 4 jew 5 snin kienet kull gimgha tehodha l-Isptar bit-taxi jew is-Suq ta' Belt-is-Sebh. Duncan Vassallo bin l-atturi ma jsemmix meta bdew u meta spiccaw is-servigi msemmija minnu. Anne Cefai xehdet li lill-atturi qatt ma rathom dehlin ghand Farrugia hlief wara li mietet.

"6. Irrizulta illi l-attur sar jaf bil-legat tal-post ta' Farrugia sena qabel il-mewt taghha jew anqas minn sena.

"7. Irrizulta wkoll illi l-Perit Falzon gie mqabbad mill-atturi jaghmel alterazzjonijiet konsiderevoli fid-dar ta' Farrugia f'Lulju 1989 (xiehda tal-Perit Falzon) cioe` tkabbir tal-kcina, toilet kbir u zewg kmamar ohra fis-sular ta' fuq.

"8. Ic-cavetta tal-post giet f'idejn l-attur xi gimgha qabel il-mewt ta' Farrugia, billi Margaret Mifsud kienet sejra ssiefer.

"9. Irrizulta wkoll (Seduta Numru 3) illi mart l-attur u t-tifla kellhom imorru joqoghdu u jorqdu ma' Farrugia wara li tkun lestiet id-dar.

"Id-dar mertu tal-legat imsemmi meta mietet Farrugia kienet fi stat traskurat hafna. Dan jirrizulta kemm mir-ritratti esebiti minn Wilfred Camilleri kif ukoll mix-xiehda ta' l-attrici stess li qalet li "l-post kien imfarrak ghal kollox".

"Fid-dawl tal-provi migbura, il-perit legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"(1) It-testatrici Carmela Farrugia halliet il-fond fejn kienet toqghod (b'ta' go fih) lil dik jew dawk il-persuni li jkunu jiehdu hsieb u jduru bit-testatrici u Carmelina Darmanin u sal-mewt rispettiva taghhom u ghalhekk il-persuna jew persuni ma jkunux hadu hsieb u daru biz-zewg persuni, ma jistax ikollha dritt ghal-legat.

"(2) Il-kliem jiehdu hsieb u jduru jimplikaw certa estensivita` tas-servigi, b'mod li tali persuna jew persuni jridu jaqdu lill-persuna servuta l-hin kollu u b'mod li din qatt ma tkun wahedha fid-dar ghal zmien twil, u generalment iridu joqoghdu fil-post tal-persuna servuta.

"(3) Fil-kaz prezenti l-atturi kienu jafu bit-testment u l-legat in kwistjoni, u hadu passi biex isiru xi xoghlijiet fil-post in kwistjoni izda fil-mument tal-mewt kienu ghadhom ma bdewx jirrendu s-servigi lil Carmela Farrugia billi dawn kellhom jibdew meta jkun lest il-post; u fil-post lanqas biss bdew ix-xoghlijiet kbar ta' alterazzjonijiet fil-fond.

"Fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, il-perit legali kkonkluda li t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha peress illi l-atturi ma kinux qeghidn jiehdu hsieb u jduru b'Carmela Farrugia fis-sens tal-legat in kwistjoni, izda biss ordnaw xi xoghlijiet u ghamlu xi servigi zghar ohra li ghalihom l-attur ma riedx kumpens.

"L-atturi jikkritikaw il-konkluzjoni tal-perit legali u jghidu li l-artikolu in kwistjoni fit-testment ta' Maria Carmela Farrugia ghandu jigi interpretat fis-sens li kienet l-intenzjoni tat-testatrici li la riedet tikkompensa lil dawk il-persuni li kienu ser jiehdu hsieb lilha u lill-habiba taghha sal-mewt, zgur kellha wkoll f'mohha li tikkompensa permezz tal-legat lil dawk il-persuni li jiehdu hsieb lilha jekk il-habiba taghha tilhaq tmut. Aktar u aktar meta Farrugia stess kienet tghidilhom li min jibqa' jdur biha sa mewtha jkollu d-dar u ta' go fiha. Jirreferu ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 685 tal-Kodici Civili li jostnu jsahhah it-tezi taghhom. L-atturi jghidu wkoll li l-gurisprudenza ma tikkonfortax dak li qal il-perit legali li servigi jridu jkunu tant estensivi li l-persuni li jrenduhom iridu jaqdu l-persuna servuta il-hin kollu u jorqdu maghha. Inoltre, skond l-atturi, il-provi juru li huma fil-fatt irrendew servigi estensivi ghal perijodu ta' sentejn u nofs.

"Il-konvenuta taqbel mal-konkluzjoni peritali u tghid li l-artikolu in kwistjoni huwa car; it-testatrici kienet taf li qed thalli legat sostanzjali u ghalhekk iddisponiet li l-legatarju kellu jdur mhux biss biha imma anke bil-habiba taghha

Carmela Darmanin. Hija tghid li l-fatt li bidlitx it-testment ifisser li t-testatrici ma kinitx lesta tiddisponi minn dan il-legat favur dik il-persuna li tkun daret u hadet hsieb biss ta' l-istess testatrici. Matul perijodu ta' erba' snin mill-mewt ta' Carmela Darmanin it-testatrici kellha kull opportunita`, kieku riedet, biex tbiddel it-testment. Skond il-konvenuta, dik il-persuna li tipprova li rrendiet servigi lil Carmela Farrugia biss jew lil Carmelina Darmanin biss, tista' tippretendi kumpens ghas-servigi rezi u ma tistax tikkwalifika bhala l-legatarja ai termini tat-testment *de quo*. Il-konvenuta ssostni wkoll li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 685 tal-Kodici Civili huwa rrilevanti peress illi hemm l-ebda motiv falz jew ulterjuri fil-hsieb li kellha t-testatrici. Tghid li l-atturi qatt ma rrendew servigi lanqas lil Carmela Farrugia u dahlu fix-xena meta kienet ser issiefer Margaret Mifsud (gara li kienet tippresta servigi kemm lit-testatrici kif ukoll lil Carmela Darmanin izda li kienet giet kumpensata ghalihom matul hajjet it-testatrici). L-unika assistenza li rrendew lil Carmela Farrugia kienet sabiex tapplika ghar-ristrutturar tad-dar taghha fejn l-atturi kienu ser joqoghdu sabiex ikunu jistghu jiehdu hsieb l-istess Farrugia - ma jistghux jigu kkumpensati ghall-intenzjoni.

“Issa, fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Rose Alden pro et noe vs Raphael Pace** intqal:

**"… hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. *'Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino'* - <u>Carmelina Mifsud et vs Matilde Pullicino et</u> - 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet <u>Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna</u>, Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950, u <u>Farmacista George Mallia vs Carmela Mallia</u>, Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;**

**Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi *'quantunque sia regola che 'non mens verbis sed***

***verba menti servire debent'*, *tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero` fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto'* - <u>Camilla Mallia vs Carlo Mamo et</u>, Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P I p 729)".**

"Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni jesprimu b'mod car u espress il-volonta` tat-testatrici. U allura ***"e` necessario riconoscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si dee indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all'esame della volonta` espressa"*** (Vol. X pag. 457).

"It-testatrici riedet thalli d-dar taghha lil min jiehu hsieb kemm lilha <u>kif ukoll</u> lil Carmela Darmanin "sal-mewt rispettiv taghhom". L-atturi dahlu fix-xena zmien sew wara l-mewt ta' Carmela Darmanin. Din il-Qorti naturalment m'hijiex qieghda teskludi li l-atturi pprestaw servigi lil Carmela Farrugia u anke ghamlu zborzamenti a beneficcju taghha, u dan kienu qeghdin jaghmluh bil-hsieb li eventwalment ikunu kumpensati. U l-Qorti hija soddisfatta li l-atturi pprestaw aktar servigi milli qieghda tghid il-konvenuta u zgur li ma dahlux fix-xena biss meta kienet sejra ssiefer Margaret Mifsud. Bizzejjed jinghad li l-perit inkarigat biex isiru alterazzjonijiet strutturali fir-residenza tat-testatrici mar jispezzjona l-fond f'Lulju 1989 madwar erba' xhur qabel ma mietet Carmela Farrugia. U jekk Carmela Farrugia kellha karattru difficli, aktar u aktar kien hemm bzonn zmien sakemm hi ssir tafda lill-atturi tant li tkun trid li jmorru joqoghdu maghha.

"Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, l-atturi ghandhom dritt jippretendu kumpens ghas-servigi minnhom ipprestati lil Carmela Farrugia u ghall-izborzamenti li ghamlu a beneficcju taghha izda mhux fl-entita` li qeghdin jippretendu huma permezz ta' din il-kawza, cioe` mhumiex

intitolati li jigu immessi fil-pussess tal-legat imsemmi fl-ghaxar artikolu tat-testment ta' Carmela Farrugia kif qeghdin specifikatament jitolbu fil-kawza odjerna. Pero` sejra tirrizerva kull azzjoni ulterjuri spettanti lilhom kontra l-eredi ghall-kumpens li jista' jkun dovut lilhom."

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mill-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement filwaqt illi tirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appellata li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li tigi kkonfermata in toto s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u li l-appell jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10 tat-testment li ghamlet Carmela sive Maria Carmela Farrugia fid-29 ta' Dicembru, 1982, Din Carmela Farrugia mietet fit-8 ta' Novembru, 1989, u skond dan l-artikolu ta' dan l-ahhar testment taghha hija halliet b'titolu ta' legat id-dar 66, Busketto Road, Rabat, Malta "a favur ta' dik, jew dawk il-persuni, li jkunu jiehdu hsieb u idur bit-testatrici u Carmelina Darmanin, li tikkoabita mat-testatrici, u sal-mewt rispettiva taghhom". L-atturi jallegaw li huma ghandhom dritt jigu rimessi fil-pussess ta' dan il-legat peress li kienu jiehdu hsieb u jduru bit-testatrici.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li kkunsidrat li ghalkemm l-atturi setghu irrendew xi servigi minimi lit-testattrici, ma impenjawx ruhhom li jiehdu hsieb u jduru biha u l-beneficcjarja l-ohra Carmelina Darmanin.

L-atturi appellaw bl-aggravju jkunu duplici (i) li ghalkemm huma ma hadux hsieb lil Carmelina Darmanin, huma daru bi u hadu hsieb l-interessi tat-testatrici u, ghalhekk, l-ewwel raguni tad-disposizzjoni testamentarja giet sodisfatta u ghandhom jigu ppremjati bil-legat; (ii) li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tinkwadra ruhha fid-defenizzjoni ta' "*modus*", u f'dan il-kaz huwa skuzabbli xi nuqqas da parti ta' dik il-persuna sakemm ma jkunx hemm *culpa* jew *dolus*.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li, bhala fatt, il-legat thalla lil min jiehu hsieb u jdur bit-testatrici u Carmelina Darmanin, sal-mewt taghhom. Min ried jibbenefika b'din id-disposizzjoni kellu allura rwol duplici xi jwettaq, u cioe`, li jiehu hsieb u jdur bi tnejn min-nies. Hu fatt li l-atturi ma rrendew ebda sevigi a favur Carmelina Darmanin, ghax meta idecidew li jibdew jaghtu kaz tax-xewqat tat-testatrici, din Carmelina Darmanin kienet gia` mietet. Mhix skuza li din setghet ghamlet zmien twil f'dar ta' l-anzjani, ghax min ried japprofitta ruhu mill-beneficcju tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni kellu jassigura li, eccetto kaz ta' mard meta l-persuna tehtiegilha tkun rikoverata l-isptar, l-istess Carmelina Darmanin tibqa' residenti d-dar taghha u tkun indukrata u "well taken care of". Dak kien l-iskop tal-legat: biex it-testatrici u Carmelina Darmanin jibqghu jghixu go darhom taht il-kura ta' xi hadd li bhala premju, gie imwieghed ir-residenza taghhom tar-Rabat. Il-fatt li l-atturi ddecidew li japprofittaw ruhhom bid-disposizzjoni testamentarja wara l-mewt ta' Carmelina Darmanin, ma jistax jittiehed a vantagg taghhom. Id-disposizzjoni testamentarja tirrikjedi impenn <u>favur zewg persuni</u> "sal-mewt rispettiva taghhom", u l-fatt li l-atturi ma rrendew ebda kura lil wahda minnhom jimmilita` kontra li l-legat jigi sodisfatt.

Bit-tieni aggravju taghhom, l-atturi jsostnu li d-disposizzjoni testamentarja ghandha n-natura ta' "*modus*" u mhux ta' "kondizzjoni", u allura hi ammessa kwalunkwe raguni ta' skuza ghal xi nuqqas fl-adempjenza.

Din il-Qorti tara li d-distinzjoni bejn "*modus*" u "kondizzjoni", interessanti kemm hi fid-duttrina, mhux

rilevanti ghal dan il-kaz. It-testatrici ma hallietx il-fond lill-persuna partikolari taht kundizzjoni/"*modus*" li din iddur biha sal-mewt. It-testatrici ma mponiet ebda kundizzjoni jew "*modus*", izda semplicement halliet il-fond lil min idur biha. Li hemm bzonn isir f'dan il-kaz hu li jigi identifikat is-suggett ta' l-obbligazzjoni, u mhux jekk kondizzjoni avveratx ruhha jew le. Kondizzjoni jew "modus" hija obbligazzjoni accessorja ghal wahda principali; kif jghid it-Torrente "Manuele di Diritto Privato" 9$^{o}$ ediz. Pagna 421 et seq,
"il modo e` una clausola accessoria che si oppone a una liberalita` allo scopo di limitarla. Il modo riduce gli effetti dell'attribuzione patrimoniale ma non costituisce un corrispettivo. Il modo costituisce una limitazione della liberalita`, ma non rappresenta la causa del negozio, che resta l'attribuzione a titolo gratuito."

Issa hawn ghandna biss obbligazzjoni wahda, u dak li jrid jigi ricerkat huma l-partijiet ta' dik l-obbligazzjoni. Parti wahda, id-debitrici, giet identifikata fit-testment, u hi l-eredi universali, l-konvenuta Elena Falzon, fil-waqt li l-parti l-ohra, il-kreditur ta' l-obbligazzjoni, ghad irid jigi identifikat, u dan billi tigi indikata dik il-persuna, jekk tezisti, li daret bit-testatrici u b'Carmelina Darmanin sal-mewt rispettiva taghhom. La darba l-atturi qed jallegaw li huma l-kredituri ta' dik l-obbligazzjoni, kien obbligu taghhom li jippruvaw li "they fit the description", u cioe`, li hadu hsieb u daru bil-beneficcjarji.

F'dan il-kaz kemm il-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti kif ukoll dik l-ewwel Qorti sabu l-atturi ftit li xejn irrendew servigi lit-testatrici. L-atturi urew il-hsieb li jduru bit-testatrici xi sena qabel ma din mietet. Il-hsieb taghhom kien li l-ewwel jirrangaw id-dar tar-residenza tat-testattrici, u wara l-attrici u bintha jmorru joqghodu maghha; gara, pero`, li t-testatrici mietet qabel ma l-atturi dahlu fil-post, u sakemm mietet it-testatrici thalliet tghix wahedha f'darha li thalliet ukoll mimlija hmieg.

Din il-Qorti tifhem li l-kliem "jiehdu hsieb u jduru" jimplikaw certa estensivita` ta' ghajnuna u kura, u jfissru impenn ta' ghajnuna u qadi kwazi kuljum, b'mod li t-testatrici ma

thosshiex wahedha, izda taf li hemm min ghandu l-attenzjoni tieghu fuqha b'mod regolari. F'dan il-kaz l-atturi ftit li xejn lahqu ghamlu servizzi sa ma mietet it-testatrici. Kif urew l-interess taghhom li jibdew iduru bit-testatrici hadu passi biex isiru xi xogholijiet fil-post tar-residenza taghha, izda fil-mument tal-mewt kienu ghadhom ma bdewx jirrendu servigi veri lil Carmela Farrugia, it-testatrici, billi dawn kellhom jibdew meta jkun lest il-post. It-testatrici mhux min johrogha dawra l-Hadd jew jaghmlilha xi facendi biss riedet, imma xi hadd li jdur biha u jiehu hsiebha fis-sens vast tal-frazi. Dan, l-atturi m'ghamluhx u kwindi ma jisthoqilhomx jiehdu l-legat imholli fl-ghaxar artikolu tat-testment ta' Carmela Farrugia.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-atturi appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------